MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 1/2004

Tabib Mediku Dottor George Teddie
Farrugia bħala esekutur Testamentarju ta' wirt
Ta' Maria Buttigieg.

vs

Michelle Vella,
U għal kwalunkwe interess li jista'
Jkollu Michael Buttigieg, u
B'degriet tat-18 ta' Marzu 2004 il-kunjom
"Buttigieg" irid jigi jaqra "Camilleri".

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur nomine talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati minn din il-Qorti sabiex jiżgombraw mill-fond numru 71, magħruf ukoll bħala ħanut ta' barbier, triq Għajnsielem, drabi oħra magħrufa bħala pjazza Knisja l-Qadima, peress li qegħda tokkupa l-istess fond mingħajr titolu validu fil-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-eċċezzjonijet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi fl-ewwel lok, jeħtieġ illi kunjom il-konvenut jiġi korregut billi effettivament il-konvenut ‘Michael Buttigieg’ ma jeżistix imma jeżisti biss Michael Camilleri;
2. Illi in linea preliminari, hemm lok għall-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju in vista tal-fatt illi l-fond meritu ta’ din il-kawża ġia jifforma oġġett ta’ kawża oħra prendenti quddiem din l-istess Qorti bejn il-partijiet fil-kawża odjerna u partijiet oħra – Avviż. Nru. 23/98 fl-ismijiet ‘CAMILLERI MICHAEL – vs – FARRUGIA GPE MONS. KAN.’ Illi tinsab differita għall-20 ta’ Frar, 2004.

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt għaliex qabel xejn l-attur irid iġib il-prova illi l-fond oġġett ta’ din il-kawża kien verament proprjeta’ ta’ Maria Buttigieg; u irid jipprova l-interess ġuridiku tiegħu sabiex jaġixxi in rappreżentanza tal-eredita’ tagħha.

4. Finalment, dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt għaliex l-esponenti qegħdin jokkupaw il-fond de quo b’titolu validu fil-liġi, kif sejjer jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

5. salvi eċċezzjonijiet tal-kawża.

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Mejju 2004 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-kawża quddiem din il-Qorti wkoll fl-ismijiet "Michael Camilleri vs Mons. Giuseppi Farrugia et." (Avviż Nru. 23/1998).

Rat is-sentenza preliminari tagħha tat-18 ta' Novembru 2004 dwar l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens*.

Rat il-verbal tagħha tat-18 ta' Gunju 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonjiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur, bħala esekutur testamentarju tal-wirt ta' Maria Buttigieg, qed jittenta jiżgombra lill-konvenuti mill-fond indikat fl-Avviż, li allegatament qed jokkupaw mingħajr titolu validu fil-liġi.

Qabel ma jiġi ttrattat il-mertu pero', trid tiġi investigata l-eċċezzjoni tal-konvenuti dwar il-prova tal-proprjeta' ta' l-attur nomine u l-interess ġuridiku tiegħu. Din il-prova l-attur nomine jagħtiha sodisfaċentement bid-dokumenti annessi ma' n-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu,[1] li minnhom jirriżulta li l-attur nomine kien ġie konfermat mill-Qorti ta' Għawdex fil-ġurisdizzjoni volontarja tagħha bħala esekutur tal-wirt ġjaċenti ta' l-imsemmija Maria Buttigieg, li fl-epoka tal-mewt tagħha kienet tipposjedi inter alia l-proprjeta tal-ħanut in kwistjoni. Il-konvenuti jikkontestaw il-validita' ta' din il-prova, billi dawn id-dokumenti ġew ippreżentati meta l-kawża kienet ġia differita għas-sentenza. Imma llum huwa magħruf illi skond il-ġurisprudenza l-aktar reċenti, provi dokumentarji jistgħu jiġi ppreżentati fi kwalunkwe stadju tal-kawża, anke fl-appell, u għalhekk dawn il-provi qed jiġu dikjarati ammissibbli u konsegwentement validi għall-fini tal-prova rikjesta.

Fil-mertu mbagħad, l-attur nomine qed jallega illi l-konvenuti qed jokkupaw il-fond in kwistjoni mingħajr titolu validu fil-liġi. Fis-sentenza tagħha ta' llum ukoll fil-kawża konnessa Avviż numru 23/1998 fl-ismijiet: "Michael Camilleri vs Anthony Camilleri et." ġie deċiż illi dan il-fond jinsab validament mikri lill-konvenut Michael Camilleri. Mill-provi prodotti f'dik il-kawża, jirriżulta illi l-konvenuta Michelle Vella, li tiġi bint il-konvenut l-ieħor, preżentement qed taħdem bħala *hairdresser* f'dan il-ħanut bil-permess

[1] Ara Dokti. AG a fol. 47 - 50 tal-process .

tal-konvenut l-ieħor u għalhekk ma jidher li qed tippretendi u lanqas qatt ippretendiet ebda titolu fuq l-istess.

In vista għalhekk ta' dak li  għadu kemm ġie deċiż f'dik il-kawża, u peress illi rriżulta li l-konvenut qed jokkupa l-fond mertu tal-kawża b'titolu validu fil-liġi, t-talba preżenti ta' l-attur ma tistax tirnexxi.
Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tillibera lill-konvenuta Michelle Vella mill-osservanza tal-ġudizzju, għax tħarrket inutilment, tiċħad it-talba attriċi, billi l-attur Michael Camilleri qed jokkupa l-fond bin-numru 71, Pjazza tal-Knisja, Għajnsielem, b'titolu validu ta' kera.

Bl-ispejjeż kontra l-attur nomine, apparti  dawk tas-sentenza preliminari tagħha tat-18 ta' Novembru 2004, li għandhom jiġu ssoportati mill-konvenut Michael Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------